



Brussell, 13 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15178/23

LIMITE

TELECOM 324
CDN 5
RELEX 1286
COMPET 1085
SERVICES 48

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Approvazzjoni u awtorizzazzjoni biex tiġi ffirmata s-Sħubija Diġitali bejn l-UE u l-Kanada f'isem l-UE - Approvazzjoni ta' strument mhux vinkolanti

1. Fl-14 ta' Marzu 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infurmazzjoni ġie infurmat mill-Kummissjoni Ewropea, permezz ta' nota¹, bl-intenzjoni tagħha li tibda diskussjonijiet dwar Sħubija Diġitali individwali mal-Kanada bil-ħsieb li tiġi stabbilita kooperazzjoni dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà.
2. Il-Kummissjoni fakkret li, fid-dawl tal-interkonnessjoni bejn il-politika diġitali interna u esterna tal-UE, il-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali² ħabbret li l-UE ser tibni sħubiji diġitali internazzjonali b'saħħithom li jikkorrispondu għall-erba' pilastri tal-Kumpass Diġitali: l-infrastrutturi, il-ħiliet, it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. F'konformità ma' dan l-approċċ, u filwaqt li titqies il-kooperazzjoni tajba eżistenti mal-Kanada, il-Kummissjoni spjegat li l-intenzjoni tagħha hija li tagħorna d-Djalogu Diġitali eżistenti mal-Kanada għal Sħubija Diġitali, abbażi tal-mudell tas-Sħubijiet Diġitali maqbula reċentement mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore.

¹ WK 3222/23.

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0118>

3. Wara l-approvazzjoni tal-Coreper fit-22 ta' Marzu 2023, il-Kunsill TTE (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Sħubija Diġitali individwali mal-Kanada fil-forma ta' strument mhux vinkolanti fit-28 ta' Marzu 2023.
4. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infurmazzjoni fid-9 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni infurmat lid-delegazzjonijiet dwar l-eżitu tan-negozjati mal-Kanada u ppreżentat l-abbozz tat-test tas-Sħubija Digitali³. L-abbozz irċieva appoġġ wiesa'. Il-proposti tad-delegazzjonijiet għal emendi żgħar ġew ikkunsidrati u l-Kummissjoni bagħtet abbozz ta' test rivedut lill-Kunsill fl-10 ta' Novembru 2023.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u bil-ħsieb li tiġi ffirmata s-Sħubija Diġitali mal-Kanada fl-okkażjoni tas-Summit UE-Kanada, skedat għat-23 u l-24 ta' Novembru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

- japprova t-test tas-Sħubija Diġitali mal-Kanada, kif jinsab fid-dokument 15356/23, bħala punt A matul is-sessjoni AGRIFISH tiegħu fl-20 ta' Novembru 2023, u

- jaqbel li jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti ulterjuri fit-test sabiex jiġi żgurat il-qbil min-naħa tal-UE u n-naħa Kanadiża, it-test jista' jiġi adattat kif xieraq dment li l-bidliet ma jaffettwawx is-sustanza u l-ħsieb tal-pożizzjonijiet tal-UE.

³ WK14151/23.